



**Stqarrija għall-Istampa
Il-Lussemburgu, it-13 ta' Lulju 2015**

L-impjanti tat-trattament fil-baċin tax-Xmara Danubju huma spiss kbar b'mod eċċessiv u mhumiex sostenibbli – jgħidu l-Awdituri tal-UE

Rapport ippubblikat illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) jagħmel rakkomandazzjonijiet importanti għat-titjib tal-effiċjenza, l-effettività u s-sostenibbiltà tal-impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi fil-baċin tax-Xmara Danubju. Filwaqt li l-infiq tal-UE kellu rwol ewlieni biex jgħin lir-Repubblika Ċeka, lill-Ungerija, lir-Rumanija u lis-Slovakkja jiksbu progress fl-issodisfar ta' objettivi importanti tal-UE għall-politika tal-ilma, il-pajjiżi kollha ġarrbu dewmien fl-ikkonformar mar-regoli u fl-użu tal-flus disponibbli tal-UE. Għalkemm l-impjanti tagħhom kienu ġeneralment jittrattaw l-ilma mormi adegwatament, it-trattament tagħhom tal-ħama tad-drenaġġ u t-tifwir tax-xita, xi drabi, kien dgħajfef. Terz tal-impjanti huma kbar b'mod eċċessiv u potenzjalment mhumiex sostenibbli.

"Ix-Xmara Danubju hija l-arterja vitali tal-Ewropa għan-negozju, l-ivvjaġġar, u l-ekosistemi, iżda hija vulnerabbli għat-tniġġis organiku jew għal forom oħra ta' tniġġis minħabba t-trattament ineffettiv tal-ilma mormi," ikkummenta George Pufan, il-Membru tal-QEA responsabbli għar-rapport.

L-awdituri tal-UE sabu li l-infiq tal-UE matul il-perjodu tal-programm 2007-13 kellu rwol ewlieni fit-tmexxija 'l quddiem tal-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi fl-erba' pajjiżi kollha. Madankollu, il-progress li dawn il-pajjiżi kisbu ma kienx suffiċjenti biex jiġu ssodisfati d-dati ta' skadenza tal-UE għat-trattament tal-ilma mormi. L-awdituri nnotaw ukoll li l-pajjiżi użaw il-fondi disponibbli tal-UE bil-mod, u b'hekk irriskjaw li jtilfu l-finanzjament mill-UE jew li joħolqu ħtieġa għal flus addizzjonali mill-kaxxa nazzjonali.

Huma sabu wkoll li terz tal-impjanti huma kbar b'mod eċċessiv – anke meta jittieħdu inkunsiderazzjoni konnessjonijiet futuri ppjanati ta' unitajiet domestiċi mas-sistema tad-drenaġġ – u li l-prestazzjoni potenzjali tal-impjanti f'każ ta' tifwir tax-xita ma tistax tiġi vvalutata minħabba nuqqas ta' informazzjoni kwantifikata. L-awdituri vvalutaw ukoll il-konformità mar-regolamenti tal-UE u dawk nazzjonali u sabu li l-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi kienu jittrattaw il-ħama b'mod xieraq minbarra fir-Rumanija u li fil-biċċa l-kbira kienu jikkonformaw mar-rekwiżiti dwar l-effluwenti mill-permessi tagħhom tal-iskariki u mid-direttiva. Barra minn hekk, il-fatt li r-rekwiżiti dwar l-effluwenti nazzjonali, xi drabi, kienu aktar stretti minn dawk tad-direttivi jissuġġerixxi ħtieġa għal reviżjoni tad-direttivi.

L-awdituri kkonkludew li s-sostenibbiltà finanzjarja tal-infrastruttura kkofinanzjata mill-UE kienet spiss dubjuża. F'90 % tal-każijiet, it-tariffi tal-ilma mormi imposti lill-utenti kienu baxxi wisq. Ma kinux jippermettu rkupru sħiħ tal-ispejjeż mill-impjanti u kienu jinsabu taħt il-livell ta' affordabbiltà tal-introjtu tal-familji ta' 4 % aċċettat b'mod komuni. Barra minn hekk, l-awdituri nnotaw nuqqas ta' informazzjoni dwar jekk is-sidien tal-infrastrutturi kinux bnew riżervi finanzjarji suffiċjenti biex jippermettu manutenzjoni adegwata u t-tiġdid eventwali tal-impjanti.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu

ECA Press

Damijan Fišer - Press Officer

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

T: (+352) 4398 45410 M: (+352) 621 55 22 24

E: press@eca.europa.eu @EUAuditorsECA Youtube: [EUAuditorsECA](https://www.youtube.com/EUAuditorsECA) eca.europa.eu

Il-baċin tax-Xmara Danubju huwa l-akbar baċin tax-xmara fl-Ewropa, li jmiss ma' 19-il pajjiż u huwa vulnerabbli għat-tniġġis tal-ilma li jiġi minn diversi sorsi. L-UE kkontribwixxiet EUR 7.9 biljun għal proġetti għat-trattament tal-ilma mormi fl-erba' Stati Membri matul il-perjodu tal-programm 2000-2006 u dak tal-2007-2013.

Noti lill-edituri

Ir-rapporti speċjali tal-QEA huma ppubblikati matul is-sena kollha u jippreżentaw is-sejbiet ta' awditi magħżula ta' oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi tal-UE.

Dan ir-Rapport Speċjali (Nru 6/2014) intitolat "**Finanzjament mill-UE ta' impjanti tat-Trattament tal-Ilma Urban Mormi fil-baċin tax-Xmara Danubju: aktar sforzi huma meħtieġa biex l-Istati Membri jingħataw għajjnuna sabiex jilħqu l-oġettivi tal-UE għall-politika tal-ilma mormi**" ivvaluta l-effettività tal-infiq mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-Fond ta' Koeżjoni fuq it-trattament tal-ilma mormi biex jgħin lill-Istati Membri jilħqu l-oġettivi tal-UE għall-politika tal-ilma mormi.

L-ilma mormi u l-ħama tad-drenaġġ jistgħu jaffettwaw il-kwalità tal-ilma u l-ħamrija. B'rispons għal dan, l-UE adottat direttivi u kkofinanzjat il-bini ta' sistemi ta' ġbir u ta' impjanti tat-trattament tal-ilma mormi.

L-awdituri ċcekjkaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi f'erba' Stati Membri fil-baċin tax-Xmara Danubju: ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, ir-Rumanija u s-Slovakkja. Huma eżaminaw ukoll kampjun ta' impjanti tat-trattament, biex jaraw kif dawn ittrattaw l-ilma mormi u kif ittrattaw il-ħama tad-drenaġġ u biex jistabbilixxu jekk kienx probabbli li dawn ikunu finanzjarjament sostenibbli.

L-awdituri tal-UE jirrakkomandaw li:

- Il-Kummissjoni għandha ssaħħaħ ir-rekwiżiti tar-rappurtar u l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet legali biex jiżguraw konnessjoni fil-pront tal-unitajiet domestiċi man-netwerk pubbliku tad-drenaġġ;
- Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jissettjaw kriterji għat-tipi kollha ta' użu tal-ħama u jieħdu azzjoni meħtieġa biex jiżguraw monitoraġġ robust ta' materjali li jniġġsu;
- Il-Kummissjoni għandha tkegġeg lill-Istati Membri jimplementaw politika tal-ipprezzar tal-ilma mormi li tkun responsabbli, b'tariffi li ma jkunux aktar baxxi mil-livell ta' affordabbiltà ta' 4 %, u għandhom jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li fondi suffiċjenti jkunu disponibbli biex jippermettu l-manutenzjoni u t-tiġdid meħtieġa tal-impjanti;
- Il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni lid-daqs xieraq tal-impjanti u, flimkien mal-Istati Membri, tindirizza l-problema tat-tifwir tal-ilma tal-maltemp billi jista' jkollu impatt negattiv fuq il-kwalità tal-ilma. L-operaturi tal-impjanti għandhom ukoll jaħtfu opportunitajiet biex jiffrankaw f'termini ta' spejjeż operazzjonali.
- Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni għandha tivvaluta x-xerqien tal-limiti ta' konċentrazzjoni fid-Direttiva, filwaqt li tiegħu inkunsiderazzjoni t-titjib teknoloġiku li sar mill-1991, meta ġiet adottata d-Direttiva dwar l-Ilma Urban Mormi, 'il hawn.

Għal osservazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet dettaljati, jekk jogħġbok ikkonsulta r-rapport sħiħ fuq www.eca.europa.eu